MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Numru. 458/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Jessica Grima**
**vs**
**Isabelle Chetcuti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Isabelle Chetcuti, 42 sena, bint Joseph Micallef u Carmen nee’ Zammit, imwielda Pieta’, nhar it-3 ta’ Novembru, 1969, residenti gewwa l-fond Zapp’s Café Marfa Road, Mellieha u detentrici tal-karta tal-identita’ 454469M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar it-2 t’April, 2012, fil-Mellieha:

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal valur ta’ €383.24 ghad-detriment ta’ Susanna Muscat;

2. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Susanna Muscat f'periklu car, ikkagunatielha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Justine Bugeja, reg. no 5275 mill-Klinika tal-Mosta;
3. Ingurjat jew heddedt Susanna Muscat u terzi persuni;
4. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Mejju 2012 (esebit a fol.17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2012 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw argument li nqala' fit-2 ta' April 2012 ghall-habta ta' 19.30hrs fil-Mellieha bejn l-imputata Isabelle Chetcuti u Susan Muscat fil-bar u restaurant bl-isem ta' Zafferano Restaurant propjeta' ta' din tal-ahhar fejn Susan Muscat sofriet griehi ta' natura hafifa u fejn giet kagunata hsara volontarja fl-ammont ta €383.24[1] fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SUE 730 tal-ghamla Toyota li allegatament gew kagunati mill-imputata.

Susan Muscat xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2012 fejn spjegat li fil-gurnata in dizamina l-imputata kienet fil-parapett tal-bar biswit ir-

[1] Vide ricevuta nserita a fol. 6 tal-atti processwali

restaurant taghha qed tixrob u malli dahal guvni ta' nazzjonalita' Rumena, certu Livio, l-imputata bdiet tkellmu hazin u tghajru. Ix-xhud tispjega li peress li hija kellha xi nies qed jieklu barra fir-restaurant taghha marret sabiex tikkalma lill-imputata u tghidilha ma tkompliex tghajjat u din minflok waqfet tghajjat qabdet tghajjar lilha. Ix-xhud spjegat li hija dahlet lura fir-restaurant taghha u wara ftit marret warajha l-imputata li agreditha billi wadbitilha xi haga lejha u girfitilha wiccha, bdiet tghajjarha u mbaghad hareg ic-chef mill-kcina u dan hareg lill-imputata 'l barra. Ix-xhud tghid li hija mbaghad harget barra u rat lill-imputata qed tkisser il-hgiega ta' wara tal-vettura taghha bi flixkun tal-birra u hija mbaghad cemplet lill-Pulizija sabiex jigu fuq il-post. Susan Muscat spjegat li l-hsara fil-vettura taghha kienet dik indikata fl-istima nserita a fol. 6 tal-atti processwali u spjegat li hija kellha griehi ta' natura hafifa. Hija qalet ukoll li sussegwentement l-imputata halsitha ghall-hsara kagunata fil-hgiega tal-vettura taghha.

Livio Huma, il-guvni Rumen li bdiet tghajjar l-imputata wkoll xehed fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2012 fejn ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Susan Muscat izda qal li ma rax lill-imputata tkisser il-hgiega tal-vettura ghaliex kien gewwa l-bar. Huwa spjega li l-imputata bdiet tkellmu hazin u tghajru ghal xejn b' xejn. Maria Vella u huha Nicholas Vella li wkoll xehdu f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2012 spjegaw li fil-gurnata in diziamina l-imputata kienet dahlet fil-hanut taghhom u bdiet tghajjar lil missierhom li kien fuq it-telephone u meta huma pruvaw johorguha 'l barra hija bdiet tghid kliem ta' theddid kemm fil-konfronti taghhom kif ukoll kliem fis-sens li kienet ser tahraq il-vettura ta' Susan Muscat. Huma qalu wkoll li malli l-imputata harget 'il barra mill-hanut taghhom semghu hoss ta' hgiega qed tinkiser.

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Settembru 2013 fejn filwaqt li kkonfermat li kellha argument ma' Susan Muscat u li qalet xi kliem lilll-guvni ta' nazzjonalita' Rumena sostniet li Muscat bdiet tghid kliem li hija fehmet li kienu ndirizzati lejha fis-sens li hija mdejqa biha nnifisha u sostniet li meta dahlet thallas ghall-pizza li kienet ordnat Muscat qabdet it-

trabixu tal-inbid u hija (l-imputata) resqet lejha u forsi laqtitha f'wiccha. L-imputata ssostni li hija mbaghad qabdet u telqet 'il barra u jista' jkun li waqt li kienet hierga laqtet xi tazzi li kienu fuq mejda u dawn inkisru. Hija qalet li baqghet sejra d-dar u cahdet li kienet messet il-vettura ta' Muscat. L-imputata sostniet ukoll li l-ex ragel taghha hallas ghall-hsara kagunata fil-vettura ta' Susan Muscat ghaliex ma jhobbx inkwiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta evidenti li din il-Qorti tinsab rinfacjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kemm xejn kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Susan Muscat tghid li l-imputata ngurjata u hedditha u kkagunatilha griehi ta' natura gravi kif ukoll hsara volontarja fuq il-vettura taghha ghaliex hija talbitha sabiex ma tohloqx inkwiet u ma taghmilx storbju filwaqt li l-imptuata min-naha l-ohra ssostni li kienet Muscat li hebbet l-ewwel ghaliha u li hija kull ma ghamlet irrejagiet ghal din l-aggressjoni u inoltre cahdet li kienet ikkagunat xi hsara fil-vettura ta' Muscat. Din il-Qorti wara li semghat liz-zewg nisa jixhdu viva voce quddiemha u setghat tara l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda m'ghandha l-ebda dubju mill-kredibilita' ta' Susan Muscat, Livio Huma u Nicholas u Maria Vella u jidrilha li l-affarijiet sehhew kif irrakuntat Muscat dakinhar tat-2 ta' April 2012. Il-Qorti setghat inoltre tikkonstata li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Muscat giet korroborata mix-xhieda ta' Livio Huma. Il-fatt li l-imputata halset ghall-hsarat kagunati fil-vettura ta' Muscat inoltre tkompli ssahhah il-kredibilita' ta' Susan Muscat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ghandha titqies li rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-akkuzi kollha minnha migjuba fil-konfronti tal-imputata.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali tista' tghid nadifa, kif ukoll il-fatt li hija halset lil parti leza tad-danni minnha kagunati u l-fatt li hija setghat kienet xurbana meta sehh l-incident de quo u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommetix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputata b' obbligazzjoni personali taht penali ta' €500 ghal zmien tnax (12) –il xahar millum milli timmolesta jew tivvessa lil Susan Muscat, Livio Huma u Nicholas u Maria Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------